MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 1225/2012

**Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon (detentur ta' l-karta ta' l-identita bin-numru 114474 (M)) kif debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' STEFOVER SAS (RCS Paris No. 328195136)**

**vs**

**Medsea Shipping Agency Limited**
**(C – 45855)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat l-10 ta' Dicembru, 2012 li permezz tieghu r-rikorrenti nomine espona sintetikament is-segwenti:

1. Illi hu debitament awtorizzat jintavola r-rikors *de quo* ghan-nom tas-socjeta` fuq indikata a bazi ta' prokura datata l-31 ta' Jannar, 2012;

2. Illi permezz ta' sentenza tat-*Tribunal de Commerce de Paris – Neuvieme Chambre* datata s-17 ta' Novembru, 2011, is-socjeta` ntimata Medsea Shipping Agency Limited fuq riferita giet ikkundannata:

i. Thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' erba' u disghin elf, hames mija u tmien Ewro u erba' u tletin centezmu, (€94,508.34), oltre l-ispejjez u l-interessi dovuti;

ii. Thallas lill-assiguraturi AXA FRANCE IARD, ALLIANZ GLOBAL CORPORATE ET SPECIALITY, u COUEA FLEET, is-somma ta' disat elef, mija u wiehed u sittin Ewro u seba' u tmenin centezmu, (€9,161.87);

3. Illi s-socjeta` rikorrenti tixtieq li s-sentenza estera fuq citata tigi rikonoxxuta u dikjarata ezewgwibbli fil-gurisdizzjoni Maltija;

4. Illi l-qorti fuq riferita li tat l-imsemmija sentenza hi fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u allura japplikaw l-artikoli 38 sa 56 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000, dwar il-gurisdizzjoni rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali;

5. Illi *ai termini* tal-artikolu 41 tar-regolamenti msemmija fil-paragrafu precedenti, sentenza moghtija minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ghandha tigi dikjarata ezegwibbli mmedjatament minn qorti ta' Stat Membru iehor mat-twettieq tal-formalitajiet preskritti fl-artikolu 53 tal-istess Regolament;

6. Illi konsegwentement ir-rikorrenti nomine fuq indikat jitlob li din il-qorti:

i. Tiddikjara s-sentenza tal-qorti Franciza fuq indikata datata s-17 ta' Novembru, 2011, hi ezegwibbli

f'Malta *ai termini* ta' l-artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 44/2001 bil-fakoltajiet u drittijiet li l-ligi Maltija takkorda fir-rigward;

ii. Bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk koncernanti r-rikors odjern;

Rat id-dokumenti kollha esebiti nkluz it-traduzzjoni appozita tas-sentenza in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi wahda ntiza limitatament ghal dikjarazzjoni ta' ezegwibilita` ta' sentenza rilaxxata minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fit-termini tar-Regolamenti u ligijiet fuq gia` riferiti;

Illi kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-31 ta' Jannar, 2011, fl-ismijiet **Av. Hugh Peralta nomine vs ZET Limited**, din il-procedura hi wahda ta' natura partikolari fejn din:

" … ma ghandhiex tiehu sura ta' kawza fis-sens generali tal-kelma. Darba li l-ewwel qorti … tkun perswaza li ghall-materja japplika l-imsemmi Regolament numru 44/2001 u mhux il-kaz ta' decizjoni li ghaliha r-Regolament jeskludi l-applikazzjoni tieghu … hi trid tipprocedi li tiddekreta t-talba wara semplici ezami tad-dokumenti esebiti, minghajr il-htiega li tisma' lid-debitur jew tara x'ghandu xi jghid fuq il-kaz …";

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit li d-dokumenti rikjesti mill-imsemmija Regolamenti tal-Kunsill fuq indikati gew debitament u validamentipprezentati;

Illi stabbilit li l-procedura odjerna tirrigwarda s-sentenza fuq gia` debitament riferita deciza mit-*Tribunal de Commerce de Paris –Neuvieme Chambre* datata s-17 ta' Novembru, 2011;

Illi konsegwentement din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li wara li gew stabbiliti r-rekwiziti statutorjament rikjesti kif fuq stabbilit:

1. Tiddikjara li s-sentenza tal-qorti Franciza fuq indikata datata s-17 ta' Novembru, 2011, hi ezegwibbli f'Malta *ai termini* tal-artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 44/2001, fil-fakoltajiet u drittijiet li l-ligi Maltija takkorda fir-rigward;

2. Tikkundanna wkoll lis-socjeta` ntimata Medsea Shipping Agency Limited biex thallas l-ispejjez kollha, inkluzi dawk koncernanti r-rikors odjern;

3. Illi konsegwenza tal-istess, tordna li d-dikjarazzjoni ta' ezekuzzjoni u enforzabilita` fuq imsemmija tigi servuta fuq is-socjeta` ntimata fuq indikata flimkien ma' l-atti l-ohra kollha relattivi.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------